**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 28 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tnejn 6 ta' Ġunju 2011

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Komunikazzjonijiet*
4. *Proġett BIOLMED – kwotazzjonijiet għall-offerta ta' Front Office Manager*
5. *Attivitajiet fix-xhur li ġejjin*
6. *Affarijiet Mixxellanji*

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, il-Viċi-Sindku Eman Vella, il-Kunsilliera Maria Said u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli. Il-Kunsillier Clayton Gauci u l-Kunsillier Giovanni Gatt kien skużati.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

## 1 Minuti

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

*Punti mill-Minuti*

## 2 Korrispondenza

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Il-Kunsill innota wkoll ir-rapporti li daħlu fis-sistema tal-*Customer Care*.

2.3 Korrispondenza mingħand Heritage Malta dwar laqgħa ta' informazzjoni mal-bdiewa tal-inħawi tal-Banjijiet Rumani. Il-Kunsill ser ikun qed jiġbor informazzjoni u jghaddiha lil-HM mill-aktar fis.

2.4 Korrispondenza bil-kwotazzjonijiet ta' ordnijiet ta' materjal relatat mal-proġett Cypfire. Il-Kunsill qabel li jinxtara apparat mingħand il-kumpaniji Al Nibras u Chemic.

2.5 Korrispondenza mingħand il-Lead Partner tal-proġett Biolmed dwar proposta ta' laqgħat f' Malta dwar dan il-proġett. Din il-proposta ser tintbghat lill-min ser jintgħażel bħala Front Officer Manager wara l-laqgħa tal-lum.

2.6 Korrispondenza mingħand S.I.T. Travel dwar proposta li ssir ikla għall-grupp ta' turisti fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjlai. Il-Kunsill evalwa din il-proposta u ddikkjara li jħoss li dan ma jkunx opportun li jsir, iżda li finalment din hija deċiżjoni ta' l-awtoritajiet tal-Knisja.

2.7 Korripsondenza mingħand is-Sur Richard Scicluna b' ilmenti dwar is-servizz tal-Arriva. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment għandu jintbgħat lil-Customer Care Unit tal-Arriva.

2.8 Il-Kunsill innota diversi korrispondenzai bejn l-iskrivana u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill mal-GreenMT dwar ir-recording mis-CCTV Camera fil-Bringin Sites ta' Triq San Pietru u Triq il-Ganfra. Dan il-filmat għadu ma wasalx għand il-Kunsill.

2.9 Korrispondenza mingħand Dame F. Tempra sabiex isirilha xi xogholijiet ta' manteniment fir-residenza tagħha peress li ser tospita delegazzjoni ta' Ġermaniżi fil-ġranet li ġejjin. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

2.10 Ilment mingħand Dorothy Gatt dwar Pelican Lights li kellhom isiru fl-inħawi ta' Ta' Mrejnu. Il-Kunsill qabel li jerġa jissolleċita l-awtoritajiet konċernati dwar din il-kwistjoni.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa dwar il-proġett tar-rinnovament tal-bandli f' Wesgħat il-Ġublew. Peress li ma kienx għadu sar survey tal-istat attwali ta' dan is-sit, intalbu kwotazzjonijiet u l-Kunsill irċieva tnejn. Minn dawn intgħażlet l-aktar waħda vantaġġjuża u fil-fatt is-survey sar dak in-nhar tas-seduta stess. Il-Kunsill ser ikun qed jistenna r-rapport ta' dan is-survey.

3.2 Is-Sindku issuġġerrixxa li tintgħalab l-għajnuna tat-taqsima tax-Xogħlijiet biex jiġu rrestawrati n-niċċa ta' Binġemma u s-Salib ta' taħt il-knisja. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

3.3 Is-Sindku semma' wkoll li kienu ġew ordnati s-servizz ta' żewġ wardens għall-Ħadd, 5 ta' Ġunju, matul il-Wirja Agrarja li saret fi Triq Sir Temi Zammit.

3.4 Saret diskussjoni dwar il-bżonnijiet tal-IT fil-Kunsill. Wara li ġew irranġati żewġ kompjuters il-Kunsill iddeċieda li dawn jintużaw għas-servizz tar-residenti billi jinħoloq post ta' aċċessibilita' ta' użu tal-internet permezz tal-WiFi ġewwa l-uffiċċju amministrattiv. Dan il-post ser ikollu 2 kompjuters. Għalhekk, il-Kunsill qabel li jinġabru kwotazzjonijiet biex jinxtraw żewġ monitors, keyboards u żewġ mouse.

3.5 Is-Sindku informa li kienet daħlet talba oħra għall-kirja tas-sala fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv biex isir riċeviment tal-Ewwel Tqarbina nhar is-26 ta' Ġunju. Ser tkun qed tingħata donazzjoni għall-użu tas-sala.

## 4 Proġett BIOLMED – kwotazzjonijiet għall-offerta tas-servizz ta' Front Officer Manager

4.1 Wara li ħarġet is-sejħa għall-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' Front Officer Manager għall-Proġett Biolmed, u wara li din is-sejħa għalqet, il-Kunsill fetaħ il-kaxxa ssiġġilata li fiha intefgħu il-kwotazzjonijiet. Il-kaxxa nfetħet mis-Segretarju Eżekuttiv fil-preżenza tas-Sindku, il-Viċi Sindku, u l-Kunsilliera Maria Said.

4.2 Ġew irrekkordjati żewġ kwotazzjonijiet : mingħand l-APS Consult Ltd. U mingħand Europoint. Il-Kunsill analizza l-offerti mitfugħa, u ra li ż-żewġ offerti kienu validi u setgħu jiġu kkonsidrati. L-ewwel offerta, dik ta' APS Consult kienet bir-rata ta' €35 is-siegħa, filwaqt li dik ta' Eurpoint kienet ta' €20 is-siegħa. Għaldaqstant, wara diskuzzjoni u analiżi, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħażel l-offerta ta' Europoint. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jinforma liż-żewġ partijiet b' din l-għażla, kif ukoll lil-lead-partner tal-proġett fl-Italja.

4.3 Is-Sindku ħeġġeġ biex tissejjaħ laqgħa bejn membri tal-Kunsill, is-Sur Shawn Vella ex-Front Office Manager tal-proġett u s-Sur Cyrus Engerer, mill-Europoint, biex dan il-proġett jitkompla minnufih peress li hemm diversi deadlines urġenti x' jinżammu.

## 5 Attivitajiet fix-xhur li ġejjin

5.1 Il-Kunsill iddiskuta u qabel dwar numru ta' attivitajiet li ser ikun qed jiġu organizzati fix-xhur li ġejjin. Dawn huma:

- Ħuġġieġa ta' San Ġwann nhar l-24 ta' Ġunju, organizzata bejn il-Kunsill u l-Kumitat Festa Mġarr
- Festival Ħidmiet Missirijietna nhar it-8 ta' Lulju
- Lejla Mġarrija nhar is-7 ta' Awissu
- Fenkata fit-toroq u Wirja ta' Trakkijiet Amerikani nhar il-11 ta' Awissu.

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

**6. Affarijiet Mixxellanji**

6.1 Saret talba minn Maria Said għall-linja safra fi' Triq Vitale.

6.2 Maria Said talbet ukoll li jitpoġġew il-bins ta' fuq il-bajja tal-Ġnejna, issa li kien beda' l-istaġun tal-għawm. Seri sir koordinament mal-Area Officer tal-Malta Tourism Authority biex dawn jitpoġġew f' posthom.

**Aġġornament**

Il-laqgha ntemmet fis-7.35pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 13 ta' Ġunju 2011 fil-5.30pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku